MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru 967/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alex P. Miruzzi)**

**vs**

**GIUSEPPE CUTAJAR.**

**Illum 26 ta' Frar, 2004**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Giiuseppe Cutajar**, bin Caterina Cutajar imwieled il-Floriana, fit-13 ta' Mejju, 1936, detentur tal-karta ta' l-identita numru 410436M u residenti Flat 4, Door B , Pjazza San Pawl, Hamrun;

Talli fl-14 ta' Frar, 2000 u fil-perjodu ta' qabel ta' qabel din id-data fil-Hamrun b'diversi atti maghmulin minnek u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin

b’risoluzzjoni wahda bhala detentur tal-fond 4/B, Pjazza San Pawl, Hamrun, jew bhala persuna li kellek f’idejk l-istess fond, b’mezzi qarrieqa, ikkommettejt serq ta’ kurrent elettriku ghad-tal-Korpoazzjoni Enemalta, liema serq hu aggravat bil-mez u bil-valur.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamilt hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkagunajt telf ta’ kurrent tal-elettriku.

Talli fl-istess data , hin, lok u cirkostanzi ghamilt hsara jew kissirt parti mill-meter tal-elettirku jew sigilli jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tal-25 ta’ Novembru, 2003, sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bi procedura sommarja skond l-artikolu 370 (4) Kap 9, u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati ta’ l-akkuzi..

Rat l-artikoli 261, 263, 267, 278 (2), 326 (1), (c) u (f) Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat kif ukoll li huwa hallas l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni Enemalta.

Tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------